# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Mejju 2000**

**Numru 25**

**Citaz. numru 1611/93 DS**

Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` "C. Fino & Sons Limited"
vs
1. Mario Xuereb, bhala General Manager, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "U.C.I.M.Co. Ltd."; u
2. David Gera

Illum, 19 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Dicembru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi in forza ta' sentenza ta' dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Gaetano R. Mizzi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' C. Fino & Sons Limited - vs - David Gera", citazzjoni numru 1341/85, deciza fl-24 ta' Frar 1987, liema sentenza giet reza ezegwibbli mill-gdid b'sentenza ohra ta' dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' C. Fino & Sons Limited - vs - David Gera, citazzjoni numru 1076/92 JSP, deciza fl-10 ta' Dicembru 1992, il-konvenut David Gera kien kundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' Lm1,795.85,2: kwantu ghall-Lm1,146 bhala sorte; kwantu ghall-Lm132.93,2 bhala spejjez gudizzjarja tal-imsemmija kawza; u kwantu ghall--Lm516.92 bhala imghax legali ta' 8% kalkolati mid-data ta' l-

imsemmija sentenza fl-24 ta' Frar 1987, sa l-20 ta' Ottubru 1992, fuq is-sorte skond l-imsemmija sentenza, oltre l-imghaxijiet ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament, u oltre s-somma ta' Lm29.11,6 bhala spejjez gudizzjarja tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza fl-10 ta' Dicembru 1992 u li rrendiet ezegwibbli mill-gdid is-sentenza precedenti tal-24 ta' Frar 1987, kif inghad;

Illi bil-Mandat ta' Sekwestru numru 1831/92 giet sekwestrata l-karozza Hyundai Pony numru F-9905 f'idejn il-konsenjatarju Louis Muscat, liema karrozza kienet tappartjeni lill-konvenut David Gera;

Illi l-ammont fuq indikat ta' Lm1,795.85,2 b'rizerva ta' imghaxijiet ulterjuri u l-ispejjez tat-tieni kawza kif inghad fuq, dovut lis-socjeta attrici mill-konvenut David Gera kien iskritt fir-Registru Pubbliku u fil-fatt il-kreditu tieghu huwa ipotekat b'ipoteka legali numru 1874/1992 kif jidher mid-Dokument "A" hawn unit;

Illi oltre l-ammonti msemmija nkluz dak ipotekat, l-attur nomine ghandu jiehu wkoll l-ispejjez tas-Subasta u fosthom ukoll l-ispejjez tal-konsentarju Louis Muscat li ha hsieb il-karrozza Hyundai Pony tad-debitur sas-Subasta li eventwalment inzammet, u liema konsenjatarju thallas is-somma ta' Lm143 kif jidher mil-kopji tar-ricevuti hawn uniti u markati Dok. "B" u "C";

Illi b'digriet tat-3 ta' Frar 1993, dina l-Qorti ordnat il-bejgh fis-subasta tal-karrozza Hyundai Pony numru F-9905 propjeta' tad-debitur, u liema subasta nzammet fl-24 ta' Mejju 1993;

Illi wara r-rikors tal-attur nomine dina l-Qorti bid-digriet taghha tat-30 ta' April 1993, awtorizzatu jaghmel offerti "animo compensandi";

Illi fil-bejgh fis-subasta li nzammet fl-24 ta' Mejju 1993, il-karrozza Hyundai Pony numru F-9905 giet definittivament liberata affavur tas-socjeta' attrici bil-prezz ta' Lm1,500 "animo compensandi";

Illi fl-4 ta' Gunju 1993, l-attur nomine ipprezenta Cedola ta' Kompensazzjoni biex jikkumpensa l-prezz minnu offert "animo compensandi" ta' Lm1,500 ghall-karrozza Hyundai Pony ma somma ekwivalenti dovuta lilu rizultanti mill-istess atti, salv pero' l-hlas tal-bilanc li jibqa' dovut, u ipprezenta kontestwalment Rikors biex dina l-Qorti joghgobha tapprova c-Cedola ta' Kompensazzjoni;

Illi l-konvenut Mario Xuereb nomine ghamel oppozizzjoni ghall-approvazzjoni ghall-kompensazzjoni mitluba ghar-raguni li huwa wkoll ghandu jiehu minghand id-debitur David Gera ghal diversi kambjalijiet iffirmati minnhu affavur tas-socjeta' konvenuta U.C.I.M. Co. Ltd. u fuq liema kambjalijiet is-socjeta konvenuta giet kanonizzata kredittrici tal-konvenut David Gera mill-Qorti tal-Kummerc b'diversi sentenzi;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici C. Fino & Sons Limited jigi qabel dak tas-socjeta' konvenuta li ma jidhirx li iskriviet il-kreditu taghha fir-Registru Pubbliku;

Illi minhabba l-oppozizzjoni tas-socjeta' konvenuta din l-Qorti b'digriet taghha tat-8 ta' Lulju 1993 ordnat lill-attur nomine biex "jekk jidhirlu jipprocedi skond il-ligi" kif jidher mill-kopja tad-digriet hawn unit u markat Dok. "D";

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur nomine ghandu d-dritt li jikkompensa s-somma ta' Lm1,500, il-prezz tal-liberazzjoni tal-karrozza Hyundai Pony numru F-9905 "animo compensandi" ma somma ekwivalenti mal-fuq imsemmija krediti tieghu, salv id-dritt ta' l-attur nomine ghall-bilanc li jibqa' dovut;

2. Tapprova ghalhekk l-Kompensazzjoni maghmula bl-imsemmija Cedola tal-4 ta' Gunju 1993, fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta nomine - vs -David Gera" nonostante l-oppozizzjoni tal-konvenut Mario Xuereb nomine, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, it-tnejn ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Xuereb nomine fejn qal:

1. Preliminarjament l-attur irid jipprova l-fatti ddikjarati fic-citazzjoni tieghu.

2. Illi di piu t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

   (a) **billi ma gewx osservati t-termini imposti mill-artikolu 328, 332 u 337 tal-Kap 12 ghall-presentata tac-cedola ta' kompensazzjoni u r-rikors relattiv,**

(b) billi l-esponenti ottjena kontra l-imsemmi David Gera zewg Mandati ta' Qbid fuq il-karrozza in kwistjoni bin-numri 512/92 (fid-19 ta' Frar 1992) u 1654/93 (fis-27 ta' April 1993) u zewg Mandati ta' Sekwestru f'idejn ir-Registratur tal-Qrati, numri 513/92 (tad-19 ta' Frar 1992) u 2074/93 (tal-25 ta' Mejju 1993), u **illi l-esistenza ta' dawn il-mandati ghandhom, skond l-artikolu 335 (3) tal-Kap 12, effett ta' oppozizzjoni formali ghat-talba tas-socjeta' attrici.**

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, **it-talba ghall-kompensazzjoni di parti tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda peress illi f'kaz kuntrarju tilledi l-kreditu prioritarju tal-esponenti nomine.** Illi l-esponenti gie kkanonizzat kreditur ta' David Gera permezz ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Dicembru 1991 u fit-30 ta' Marzu 1993, u illi s-sorte fiz-zewg kawzi fuq imsemmija jirrapresenta bilanc mill-prezz tal-karrozza mibjugha in subasta, u illi konsegwentement l-esponenti nomine ghandu privilegg specjali fuq il-karrozza in kwistjoni, liema kreditu privileggjat jiggradwa u jiehu priorita fuq il-kreditu ipotekarju tas-socjeta' attrici.

4. **Illi s-socjeta attrici hadet pussess tal-karrozza in kwistjoni fl-24 ta' Mejju 1993 (dakinhar stess tal-bejgh u esatt wara l-bejgh) u dana bi vjolazzjoni cara tal-ligi** (partikolarment l-artikolu 340 tal-Kap 12), u illi minhabba dina l-illegalita, t-talba ghall-kompensazzjoni di parti tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut David Gera pprezentata fil-25 ta’ April 1994 li permezz taghha huwa rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza giet istitwita peress li wara li f’bejgh bis-subbasta li nzammet fl-24 ta’ Mejju 1993 giet liberata karrozza Hyundai Pony numru F-9905 favur is-socjeta` attrici bil-prezz ta’ Lm1500 “animo compensandi” u l-istess socjeta` pprezentat cedola ta’ kompensazzjoni biex tikkumpensa l-prezz offert “animo compensandi” (salv il-hlas tal-bilanc) flimkien ma’ rikors ghall-approvazzjoni tac-cedola, is-socjeta` konvenuta opponiet l-approvazzjoni ghall-kompensazzjoni mitluba. Fin-

nota ta' l-eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata relattiva resqet diversi ragunijiet ghal liema l-approvazzjoni ghandha tigi michuda.

Fil-mori tal-kawza s-socjeta` konvenuta rtirat l-oggezzjoni taghha permezz ta' nota pprezentata fit-2 ta' Marzu 1998 fejn ddikjarat li m'ghandhiex aktar interess fl-ammont depozitat bhala rikavat mill-bejgh tal-karrozza in kwistjoni stante li thallset l-ammont lilha dovut mill-konvenut l-iehor David Gera fil-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u tibqa' biss il-kwistjoni ta' l-ispejjez. Wara li l-Qorti ezaminat l-atti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fl-ispejjez kif ser jigi provdut.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-attur nomine ghandu d-dritt li jikkompensa s-somma ta' Lm1500 il-prezz tal-liberazzjoni tal-karrozza Hyundai Pony numru F-9905 "animo compensandi" ma' somma ekwivalenti mal-krediti tieghu msemmija, salv id-dritt tieghu ghall-bilanc li jibqa' dovut,
(2) tapprova ghalhekk il-kompensazzjoni maghmula bl-imsemmija cedola tal-4 ta' Gunju 1993 fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta nomine vs David Gera" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez tal-konvenut David Gera li jigu sopportati minnu stess filwaqt li l-ispejjez l-ohra bin-nofs bejn il-partijiet l-ohra.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**